DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Mejju 2009

li tistipula t-tqegħid fis-suq temporanju ta' ċerta patata taż-żerriegħa li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 3392)

(2009/378/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/56/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq tal-patata taż-żerriegħa [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) Fl-Anness I.2(c) għad-Direttiva 2002/56/KE huwa stipulat li n-numru ta' pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni virali gravi fil-proġeni diretti ma għandux jaqbeż l-10 %. Fl-Isvezja l-kwantità ta' patata taż-żerriegħa disponibbli, li tappartjeni għall-kategorija "patata taż-żerriegħa ċċertifikata" adattata għall-kundizzjonijiet ambjentali nazzjonali u li tissodisfa r-rekwiżit ta' hawn fuq, mhijiex biżżejjed u għalhekk mhijiex adegwata biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dak l-Istat Membru.

(2) Mhuwiex possibbli li tintlaħaq id-domanda għall-patata taż-żerriegħa bil-patata taż-żerriegħa minn Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-Direttiva 2002/56/KE.

(3) Għaldaqstant, l-Isvezja għandha tkun awtorizzata tippermetti t-tqegħid fis-suq ta' patata taż-żerriegħa bil-kundizzjoni ta' rekwiżiti inqas stretti għal perjodu li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2009.

(4) Barra minn hekk, l-Istati Membri l-oħra, li jinsabu f'pożizzjoni li jipprovdu lill-Izvezja b'patata taż-żerriegħa irrispettivament minn jekk il-patata taż-żerriegħa nħasditx fi Stat Membru jew f'pajjiż terz, għandhom ikunu awtorizzati jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' patata taż-żerriegħa ta' din ix-xorta.

(5) Huwa xieraq li l-Isvezja taġixxi bħala koordinatur biex tiżgura li l-ammont totali ta' patata taż-żerriegħa awtorizzat skont din id-Deċiżjoni ma jaqbiżx il-kwantità massima koperta minn din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikultura u l-Foresterija,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tqegħid fis-suq fil-Komunità ta' patata taż-żerriegħa tal-kategorija "patata taż-żerriegħa ċċertifikata" li ma tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2002/56/KE fir-rigward tal-għadd ta' pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni virali gravi fil-proġeni diretti għandhom ikunu permessi, għal perjodu li jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2009, skont it-termini stabbiliti fl-Anness għal din id-Deċiżjoni u suġġetti għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-għadd ta' pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni virali gravi fil-proġeni diretti ta' patata taż-żerriegħa tal-kategorija "patata taż-żerriegħa ċċertifikata" ma taqbiżx il-perċentwali stabbilit fl-Anness,

(b) it-tikketta uffiċjali tistqarr li l-perċentwali ta' pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni virali gravi fil-proġeni diretti ta' patata taż-żerriegħa tal-kategorija "patata taż-żerriegħa ċċertifikata" aċċertata fl-eżami uffiċjali skont l-Artikolu 2(c)(iv) tad-Direttiva 2002/56/KE,

(c) il-patata taż-żerriegħa titqiegħed fis-suq skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kull fornitur tal-patata li jkun jixtieq iqiegħed fis-suq il-patata taż-żerriegħa msemmija fl-Artikolu 1, għandu japplika għall-awtorizzazzjoni lill-Istat Membru li fih hu jkun stabbilit jew li jkun qed jimporta fih.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jawtorizza lill-fornitur biex iqiegħed dik il-patata taż-żerriegħa fis-suq, sakemm:

(a) ikun hemm biżżejjed evidenza biex ikun hemm dubju dwar jekk fornitur ikunx kapaċi jqiegħed fis-suq l-ammont ta' patata taż-żerriegħa li jkun applika għal awtorizzazzjoni għaliha; jew

(b) il-kwantità totali awtorizzata biex titqiegħed fis-suq skont id-deroga kkonċernata tkun taqbeż il-kwantità massima speċifikata fl-Anness.

[1] ĠU L 193, 20.7.2002, p. 60.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin b'mod amministrattiv fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

L-Isvezja għandha taġixxi bħala Stat Membru koordinatur biex tiżgura li l-ammont totali awtorizzat ma jaqbiżx il-kwantità massima speċifikata fl-Anness.

Kull Stat Membru li jirċievi applikazzjoni skont l-Artikolu 2 għandu javżaw minnufih lill-Istat Membru koordinatur bl-ammont kopert mill-applikazzjoni. L-Istat Membru koordinatur għandu jgħarraf lill-Istat Membru li qed jinnotifika minnufih dwar jekk l-awtorizzazzjoni tistax twassal biex tinqabeż il-kwantità massima.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom javżaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-kwantitajiet li tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tagħhom skont din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Speċijiet	Tip tal-varjetà	Kwantità massima (tunnellati)	Numru ta' pjanti li juru sintomi ta' infezzjoni virali gravi fil-proġeni diretti (%)
Patata	(varjetajiet tal-lamtu) Seresta	150	15